**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tat-27 ta' Novembru 2024**

**Rik. Gur.Nru.:240 /2020 JPG**

**Kawza nru.: 18**

**NM**

**Vs**

**CP**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' NM datat 14 ta' Dicembru 2020, a fol 1, li jaqra hekk:

*1. Illi l-kontendenti huma l-genituri rispettivi tal-minuri DM li twieldet f'X (kopja tac-certificat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala **Dok NM 1**).*

*2. Illi l-kontendenti mhumhiex mizzewgin u ma jghixux flimkien. Huma kellhom relazzjoni li illum spiccat.*

*3. Illi r-rikorrenti ilu ma jara lill-bintu minn Lulju 2018 stante li l-intimata qeda ccahdu ingustament milli jgawdi lill-bintu.*

*4. Illi l-esponenti jixtieq ukoll illi l-kura u kustodja tal-minuri bintu tkun wahda konguntiva bejn il-partijiet.*

5. *Illi nterpellata sabiex tikkoncedi lir-rikorrenti access adegwat ghal bintu u kif ukoll biex il-kura u kustodja tal-istess minuri tkun wahda konguntiva bejniethom, inkluz waqt il-laqghat appoziti tal-medjazzjoni, l-intimata baqghet tirrifjuta minghajr raguni valida skond il-Ligi.*

6. *Illi l-esponent gie awtorizzat jipprocedi bl-istanti in virtu tad-Digriet opportun ta' din l-Onorabbli Qorti hawn anness u mmarkata* ***bhala Dok NM 2.***

7. *Illi ghalhekk kellu jigi ntavolat dan-rikors guramentat.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qieghed , ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima jitlob umilment lil din il-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi:*

1. ***Tordna*** *illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri fuq imsemmija DM tkun wahda konguntiva bejn il-kontendenti fl-ahjar interess tal-istess minuri.*

2. ***Tordna*** *li r-rikorrenti jkollu access ragjonevoli ghall-bintu minuri bil-modalitajiet li joghgobha* ***tistabilixxi*** *din il-Qorti liema access jkun mill-anqas darbtejn fost il-gimgha ghal 3 sieghat kull darba u darba fil-weekend darba s-Sibt u darba l-Hadd b'mod alternat inkluz sleepover u kif ukoll bil-modiltajiet rigward festi pubblici u s-sajf filwaqt li tordna lill-intimata tghati tali access hekk akkordat lill-esponenti.*

3. ***Taghti*** *kull provvediment iehor xieraq u opportun fl-interess suprem tal-minuri.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' CP datata 27 ta' Ottubru 2021, a fol 14 li taqra hekk:

1. *Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda u respinti fl-intier taghhom u dan ghar-raguni primarja illi l-attur missier naqas milli jiehu interess f'bintu minuri DM fuq decizjoni tieghu stess u ta' hadd aktar.*

2. *Illi dan l-abbandun sfaccat u komplet da parti tal-attur missier vis-à-vis bintu minuri probabbilment sehh ghaliex l-istess attur missier kien iffukatt u interessat ferm aktar fuq attivitajiet ohrajn bhal konsum u traffikar tad-droga, liema attivitajiet certament ma jawguraw xejn tajjeb fuq suppost genitur responsabbli u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh tal-kawza odjerna.*

2. *Illi in vista tal-abbandun sfaccat tal-attur missier vis-a'-vis bintu minuri kif ukoll l-attivitajiet illeciti surreferiti, isegwi b'mod mill-aktar logiku li l-attur missier mhuwiex genitur responsabbli u ghalhekk certament illi ma jkunx idoneju u lanqas gust mat-tifla minuri li l-kura u l-kustodja taghha tkun fdata konguntivament.*

3. *Illi bl-istess mod l-attur missier m'ghandux ikollu access ghal bintu stante li dan mhuwiex assolutament fl-ahjar interess tal-minuri DM. Jekk l-attur missier jigi akkordat xi forma ta' access il-minuri tkun qed titqieghed f'periklu kbir.*

5 *.Illi hu propju ghalhekk illi l-eccipjenti omm tirrifjuta u topponi li l-kura u kustodja tkun fdata konguntivament u li l-attur missier ma jkollux access ghal bintu ghaliex it-tifla minuri DM mhijiex xi forma ta' komodita' li tgawdiha u/jew tkun responabbli lejha skont l-aptit jew bejn attivitajiet ohrajn tal-genitur missier!*

6 *.Illi ironikament, ghalkemm l-attur missier jipprova jaghti x'jifhem lil dina l-Onorabbli Qorti li verament ihobb it-tifla minuri u li verament ghandu ghal qalbu l-aqwa interessi taghha, l-istess attur missier jonqos milli jsemmi u/jew jaccenna ghal manteniment li ghandu bzonn jkun pagabbli minnu! Fatt illi jirrispekja perfettament s-sitwazzjoni u l- agir*

*tal-missier vis-a'-vis bintu minuri ghal dawn l-ahhar snin, fejn l-attur missier abdika totalment il-bzonnijiet finanzjarji ta' bintu minuri u r-responsabiltajiet tieghu bhala missier u dan ghad-detriment u dannu tal-eccipjenti omm, li kienet u ghadha unikament responsabbli ghal bzonnijiet ta' bintha minuri.*

7 *.Illi ghaldaqstant it-talbiet tal-attur missier ghandhom jigu michuda fit-totalita' taghhom ghaliex tali talbiet mhumiex ibbazati/ jew gwidati fuq il-principju fundamentali u kardinali tal-interess superm tat-tifla minuri izda huma biss talbiet intizi biex jakkomodaw missier irresponsabbli u traskurat.*

8. *Illi l-eccipjenti qieghda tipprevalixxi ruhha mill-istanza attrici u qed tipproponi s-segwenti talba rikonvenzjonali.*

Rat it-talba rikonvenzjonali ta' CP datata 27 ta' Ottubru 2021 a fol 17 li taqra hekk:

1. *Illi l-eccipjenti qieghda tipprevalixxi ruhha mill-istanza attrici u tipproponi din it-talba rikonvenzjonali taghha.*

2. *Illi l–eccipjenti kellha relazzjoni extra-matrimonjali mal-attur, liema relazzjoni tkissret irrimedjabilment.*

3. *Illi mill-istess relazzjoni l-partijiet kellhom wild bl-isem* ***DM*** *li twieldet nhar X, li llum ghad ghandha biss l-eta' ta' (Y) snin.*

4. *Illi fir-rigward tat-trobbija tat-tifla minuri DM, l-eccipjenti omm kellha u ghadha taffaccja problemi u diffikultajiet kbar u dana propju minhabba l-agir degredanti u irresposabbli tal-attur missier li sa minn dejjem holoq ostakoli, problemi u tensjonijiet f'tali trobbija tal-istess tifla minuri.*

5. *Illi l-problemi u diffikultajiet surreferiti fit-trobbija tat-tifla minuri timmanifesta ruhha bl-aktar mod car mill-mod ta' kif l-attur missier ihares lejn bintu minuri u minn kif effetivament jittrattaha.*

6. *Illi l-attur missier m'ghandux f'qalbu l-aqwa interessi tat-tifla minuri u dana hekk kif hajtu ma jiccentrahiex madwar tali tifla minuri u l-bzonnijiet taghha,, **izda madwar l-attivitajiet u l-interessi xejn sbieh tieghu, tant illi t-tifla minuri jittrattaha daqs li kieku hi xi forma ta' komodita li l-hin taghha u ghaliha huwa sekondarju ghall-attivitajiet u l-interessi personali tal-attur missier.***

7. *Illi dan l-atteggjament degredanti jikkristalizza quddiem l-abbandun sfaccat tal-attur missier vis-a'-vis it-tifla minuri ghal diversi xhur u dan minkejja li ben konxju tal-fatt li t-tifla minuri tirrikjedi responsabbiltajiet u sagrificcji kbar, liema sagrificcji l-attur missier evidentament li ma riedx u ma jridx jassumihom ghaliex l-ewwel u qabel kollox ghall-istess missier huma biss l-interessi personali tieghu u xejn aktar!*

8. *Illi f'dan l-isfond jehtieg jigi rrimarkat u enfasizzat l-fatt li l-attur missier ghandu* **problema akuta tad-droga,** *li certament tirrendih missier irresponsabbli u insensittiv ghall-aqwa interessi tat-tifla minuri.*

9. *Illi aghar minn hekk, l-attur missier m'ghandux biss problema akuta tad-droga fir-rigward tal-konsum ghall-uzu personali biss, izda addirittura tali problema tkompli tikber u tiggrava ghaliex l-attur missier sahansitra qieghed jaffacja akkuzi kriminali serji fil-konfront tieghu b'imputazzjonijiet relatati ma' traffikar tad-droga – fatt li jwahhax lill-eccipjenti omm ghaliex genwinament tibza li dan kollu facilment kapaci jesponi lit-tifla minuri ghal perikolu u riskju serju.*

10. *Illi fil-fatt l-attur missier kien inqabad b'ammonti konsiderevoli u kbar tad-droga kannabis, kemm fil-pussess tieghu kif ukoll gewwa d-dar residenzjali tieghu, liema fatt ikompli jbezza' u jippreokkupa lill-eccipjenti omm mill-possibilita' li t-tifla minuri tkun fil-presenza tal-attur missier fost konsum u traffikar tad-droga.*

11. *Illi minkejja li l-fatti surreferiti fihom infushom diga' huma allarmanti u*

*preokkupanti, in-nuqqas t'interess genwin tal-attur missier fir-rigward tat-tifla minuri u l-irresponsabbilta' u abbandun tieghu lejha, ikompli jikkristalizza quddiem l-fatt li l-manteniment dovut minnu ghall-bzonnijiet u neccessitajiet tat-tifla minuri ta'spiss ma jithallasx u dan nonostante digriet car ta' dina l-Onorabbli Qorti u naturalment nonostante l-obbligi cari li ghandu jassumi kull genitur responsabbli!*

12. *.Illi dan kollu jokkorri ghad-dannu u detriment finanzjarju tal-eccipjenti omm, illi tispicca taghmel tajjeb unikament u esklussivament hi ghall-bzonnijiet tat-tifla minuri u dan hafna drabi a skapitu tal-bzonnijiet u necessitajiet personali taghha – xi haga li l-esponenti taghmilha minn qalbha u ghaliex verament thobb lit-tifla minuri, anke jekk konxja tal-fatt li din mhi xejn ghar sitwazzjoni ta' ingustizzja u abbuz flagranti da parti tal-missier!*

13. *Illi d-diffikultajiet u problemi li johloq u jikkawza inutilment l-attur missier ikomplu jinkixfu quddiem l-fatt li dan ta' spiss jabdika r-responsabbilta' ta' genitur u jonqos milli jikkopera mal-istituzzjonijiet u entitajiet ewlenin, inkluz dawk edukattivi, fir-rigward tal-bzonnijiet ta' bintu minuri.*

14. *Illi l-esponenti ommi, fost diversi cirkostanzi ohrajn, kienet irrinfaccjata b'dan n-nuqqas ta' interess u nuqqas ta' koperazzjoni tal-attur missier meta l-esponenti kellha bzonn tottjeni l-kunsens tal-missier sabiex it-tifla minuri tkun tista' tibda tattendi gewwa l-iskola primarja li tinsab fir-rahal li fih tirrisjedi l-eccipjenti omm u aghar minn hekk ghad-dannu tat-tifla minuri. Tant hu hekk illi l-abbandun sfaccat tal-attur missier f'dan ir-rigward kompla jikkristalizza meta ghar-rigward ta' talba appozita tal- esponenti omm quddiem dina l-Onorabbli Qorti, dan baqa qatt ma wiegeb u/jew wera nitfa interess.*

15. *Illi inoltre d-diffikultajiet kif ukoll l-agir degredanti u aggressivi tal-attur missier, kien wkoll jirrizulta b'mod konsistenti meta l-eccipjenti omm, f'konformita' ma' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti, kienet tiehu b'responsabbilta' lit-tifla minuri sabiex jigi ezercitat access mal-missier*

*supervizjonat mill-istess eccipjenti omm, l- attur missier kien dejjem jilqa' lill-eccipjenti b'aggressivita, theddid u ostilita' tant illi kien ikkeciha u ma jhallihiex tissupervizjoni l-access skond kif ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti. Ghalhekk.l-eccipjenti omm kienet tispicca mwerwra u preokkupata mill-biza' reali li l-attur missier jaf jikkonsma d-drogi quddiem t-tifla minuri, ikun aggressiv maghha jew sahansitra jhalliha wahedha ghaliex jaf facilment ikun okkupat bi bzonnijiet personali tieghu (li kif diga' gie accennat jirbhu fuq l-interessi tat-tifla minuri).*

16. *Illi tant hu hekk, li l- eccipjenti omm kienet kostretta tinforma lil dina l-Onorabbli Qorti dwar dan l-atteggjament ostili u fil-fatt din l-Onorabbli Qorti,* ***anke in vista tan-non oppozizzjoni u ta' nuqqas ta' kontestazzjoni dwar dan l-agir da parti tal-missier, kienet issospendiet l-access immedjatament.***

17. *Illi ghalhekk, in vista tal-fatti kollha suelenkati, l-eccipjenti omm ghandha kull ragun u gustifikazzjoni li, fl-interess suprem tat-tifla minuri, tibza' minn l-involviment tal-attur missier f'hajjet l-istess tifla minuri – kemm minhabba l-biza' reali u preokkupanti li l-minuri tkun esposta ghal problem serji ta' konsum u traffikar tad-droga u l-konsegwenzi negattivi li dawn c-cirkostanzi jhallu, kif ukoll minhabba n-nuqqas t'interess tal-istess genitur f'hajjiet l-istess tifla minuri.*

*Jghid ghaliex l-attur rikonvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tordna u tikkundanna lil NM ihallas lill-eccipjenti retta alimentara xierqa ghall-minuri DM illi ghandha tigi ffissata minn dina l-Onorabbli Qorti ghall-htigijiet tal-minuri, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, u ordni ghall-hlas dirett mill-paga tal-attur rikonvenut, li ghandhom jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti.*

2. *Tordna li f'kaz illi t-tifla minuri tibqa' tistudja fuq bazi full time wara li tilhaq l-eta' maggoreni, dan il-manteniment jibqa' jithallas minn NM sakemm it-tifla minuri taghlaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji relattivi, skond liema eventwalita' tavvera ruhha l-ewwel.*

3. *Tordna li kull beneficcju/ghajnuna socjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri jkun percepibbli esklussivament mill-eccipjent.*

4. *Tordna li b'zieda mar-retta alimentarja, NM ihallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari nkorsi mill-eccipjenti ghall-minuri DM.*

5. *Tiddeciedi u tiddikjara li l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri* ***DM*** *tigi fdata unikament u esklussivament f'idejn l-eccipjenti, li b'hekk wahedha tkun tista' tiehu d-decizjonijiet ordinarji u straordinarji kollha rigwardanti t-tifla minuri;*

6. *Tordna u tiddeciedi li t-tifla minuri* ***DM*** *ghandha tirrisjedi mal-eccipjenti u tibqa' tirrisjedi f'Malta u tibqa' domiciljata Malta sakemm tilhaq l-eta' ta' tmintax (18) – il sena;*

7. *Tordna u tiddeciedi li l-eccipjenti wahedha u minghajr ebda awtorizzazzjoni ulterjuri tal-Qorti u minghajr il-kunsens ta' NM tkun tista' tapplika, tottjeni u tikseb il-hrug tal-passaport ghat-tifla minuri, kif ukoll it-tigdid relattiv tieghu;*

8. *Tordna li l-attur rikonvenut jigi mnehhi mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genituri, ai termini ta' Artikolu 154(1)(b) u/jew (e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fl-interess suprem tal-minuri DM u dan ukoll taht dawk il-provvedimenti kollha li l-istess l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;*

9. *Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni fl-ahjar interess tal-minuri*

*DM;*

Rat ir-risposta tal-attur NM datata 25 ta' Marzu 2022, a fol 40 li taqra hekk:

1) *Illi l-esponent joggezzjona bil-qawwa kollha ghat-talbiet tal-intimata billi din m'ghandhom ebda bazi legali u fattwali;*

2) *Illi l-ahjar interess tal-minuri jirrikjedi li t-talbeit attrici attrici ma jigux akkolti;*

3) *Illi l-esponent jaghmel referenza ghar-rikors guramentat promotur tieghu inkluz it-talbiet;*

4) *Illi l-esponent huwa genitur idoneju u m'ghandux jigi ppenalizzat kif qed titlob l-intimata rikonvenjananta;*

*Sal eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjes kontra taghha.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 8 ta' Marzu 2022;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 5 t'Awwissu 2022 (Fol 68);

Rat id-digriet taghha tas-26 t'Ottubru 2022;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi mressqa mill-attur (Fol 55) jidher li hu u l-intimata kellhom relazzjoni

ghal madwar sitt (6) snin li minnha twieldet DM. Xehed illi ghall-ewwel ghexu ghand omm l-intimata u dan sakemm saru l-alterazzjonijiet mehtiega fil-fond li fih kienu ser jirrisjedu – cioe' il-fond ta' nanntu.

Wara t-twelid tat-tifla – u din kellha xi sena u sena u nofs, il-kontendenti bdew jiggieldu – l-intimata bdiet tissuspetta fih u ma thalliehx ikellem lil ommu, hutu u taqtalu l-hbieb.

Xehed illi huwa kien ferhan hafna meta twieldet it-tifla. Wara li l-kontendenti tterminaw ir-relazzjoni taghhom l-attur jghid li l-intimata bdiet "teqred" minhabba l-flus (Fol 57) u kien jtiha mitt (100) Ewro fix-xahar. Sussegwentement l-intimata intavolat proceduri l-Qorti li gie deciz li l-attur jghaddi mitejn (200) fix-xahar manteniment u jara lit-tifla kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Hamis ghal saghtejn. **Darba wahda, wara l-access, kienet giet l-intimata u ommha bit-tifla, qalghet argument u telqghu bit-tifla b'dana illi ma rax lill-bintu ghal tlett (3) snin u disa xhur.** Xehed illi ftit wara, skopra li kien hemm digriet fejn hu "gie notifikat" fl-indirizz tal-intimata, u ovvjament qatt ma kien ircieva l-atti gudizzjari.

L-attur xehed illi illum ghandu relazzjoni ma tfajla ohra u ghandu tifel, u jrabbi zewgt itfal tat-tfajla tieghu ukoll.

Mistoqsi in kontro-ezami jekk hallasx il-manteniment dovut lill-intimata, l-attur wara li nghata l-*caution,* ghazel li ma jwegibx.

Steve Libreri, fix-xhieda tieghu a Fol 79 et seqq xehed illi bis-sahha tal-hidma ta' Dr Ingrid Baldacchino, l-avvicinament bejn il-missier u l-bint ghamel progress sostanzjali. Steve Libreri xehed illi fil-fatt l-intimata ukoll kienet qieghda tinkoraggixxi lit-tifla biex terga' tibni relazzjoni mal-missier.

Dr. Ingrid Baldacchino, Psikologa tat-tifla (Fol 81 et seqq) xehdet li sar progress kbir f'din il-familja u l-genituri kienu qeghdin ukoll jikkomunikaw ahjar bejniethom. Dr Baldacchino pero' xehdet li t-tifla ghadha riluttanti li tidhol fil-kamra wahidha biex tara lil missierha u dan minkejja l-presenza taghha. Gew diskussi diversi modalitajiet ta' kif jista' jsehh ahjar l-access.

Illi in segwitu tal-progress li sar ,l-attur u l-avukat tieghu naqsu li jattendu l-Qorti u l-attur naqas ghal tlett xhur in fila li jattendi ghall-access taht supervizjoni – u dan ghal raguni li hu wegga' fuq ix-xoghol u kien qieghed jaqta' qalbu li bintu qatt ser tbiddel fehmtha fil-konfront tieghu (Vide rapport FSWS 102).

Illi konsegwentement, u fin-nuqqas ta' dehra tieghu ghas-seduti tal-Qorti, Il-Qorti ddikjarat l-provi tal-attur maghluqa (Vide verbal tal-5 ta' Dicembru 2023 pagna 100).

Fix-xhieda taghha (Fol 111 et seq) CP sostniet li kienet ltaqghet mal-attur meta kien ghad kellha tlettax (13)-i sena fi grupp ta' shabha u kellha relazzjoni ma l-attur li minnha twieldet DM. Hija kellha dsatax 19-il sena meta weldet it-tarbiha. Xehdet li ghall-ewwel ir-relazzjoni kienet wahda sabiha izda fl-ahhar kien beda jgholli jdejh, jghajjat ma wiccha u jerfa' jdejh. L-intimata xehdet li minhabba dan, kienet telqet lill-attur u regghet marret tghix ghand ommha ghax ma felhitx aktar ghas-swat. Xehdet ukoll li l-attur kellu wicc haddiehor. Xehdet li fil-bidu li nfirdu, l-attur kien izur lill-bintu darba fil-gimgha ghal xi siegha. Meta t-tifla kellha xi seba' xhur beda johodha mieghu. Kif ghalqet sena, wara li kellhom argument fuq il-manteniment, l-attur ha t-tifla u ma riedx jirritornaha. Wara li cempillu il-pulizija, l-attur rritorna lit-tifla.

Xehdet illi xi darba fix-xahar, l-attur kien jixtri zewg bottijiet halib tat-trabi u pakkett nappies izda ma riedx jhallas manteniment. Ghalhekk kellha tipprocedi b'medjazzjoni.

Xehdet illi in segwitu tal-proceduri, gie ffissat manteniment ta' mitejn Ewro (200) fix-xahar izda l-attur ghandu dhul ta' bejn sebgha mitt euro u tmien mitt ewro ( €700 -800). Di piu' ghall-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni tat-tifla, l-intimat ma hallas qatt.

Di piu, l-intimata kellha diffikulta kbira biex tikseb il-firma tal-attur sabiex it-tifla tidhol kindergarden u kien biss permezz ta' digriet tal-Qorti li l-intimata giet awtorizzata tiffirma wahdiha li t-tifla dahlet kindergarden u skola.

**L-intimata xehdet li l-attur lanqas ried jiffirma ghal safar ta' bintu Disney Land**

**u qalilha fil-presenza taghha li jekk ma tkellmux it-tifla mhux ser jiffirmalha.** L-intimata xehdet li hi dejjem hadet il-pariri ta' Dr Baldacchino u l-Counsellor biex tressaq lil bintha ma missierha. Xehdet li ftit wara li l-access gie sospiz mill-Qorti, l-attur nqabad bi traffikar tad-drogi.

Fit-tieni xhieda taghha Dr Ingrid Baldacchino a fol 128 regghet tenniet x-xhieda li kienet tat precedenti.

CP fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2021 xehdet li l-attur ili ma jara lil bintu minn Ottubru 2023. Lanqas ma jcempel jew jibghat messagg. Pero' baghat manteniment ta' xahrejn b'lura.

Fir-rapport tal-FSWS tal-11 t'April 2024, d-Direttorat rega' tenna l-ghajnuna kollha li taw lill-kontendenti sabiex isehh l-access bejn l-attur u bintu, izda kkonfermaw li l-attur qata' l-kommunikazzjoni mas-servizz taghhom.

Illi fil-15 ta' Mejju 2024, il-Qorti akkordat il-kura u kustodja esklussiva lill-intimata – Vide Fol 133. CP kkonfermat x-xhieda li kienet tat precedentament u xehdet li hmistax (15) qabel ma welldet t-tarbija, hija kienet qabdet lill-attur ma haddiehor u temmiet ir-relazzjoni. Intemmiet ukoll ghaliex kien jerfa jdejh fuqha. Kkonfermat li l-attur ghandu arretrati ta' manteniment u l-ahhar li taha manteniment kien f'Novembru/Dicembru 2023 u qatt ma hallas spejjez ta' sahha u edukazzjoni. It-tifla tattendi zfin u ginnastika liema attivita extra kurrikulari tiswa hmistax-il Ewro (15) kull lezzjoni – Xehdet li l-attur m'ghandux impjieg imma ghandu BMW Vitz. Xehdet illi hu jabbuza mill-kannabis – u jpejjep xi sitt joints (6) kuljum.

Fl-affidavit taghha CP xehdet li l-attur ghandu elf sitt mija u hamisn Ewro (1650) f'arretrati ta' manteniment stante li l-ahhar manteniment thallas f'Jannar 2024. Di piu' qatt ma hallas ghall-spejjez ta' sahha u edukazzjoni u sostni li l-attur ghandu jhallas hames mitt Ewro (500) fix-xahar biex jinkorpora dawn l-ispejjez. Di piu' gie ezebit Dok A – fejn jidher li l-attur gie mixli bil-pussess ta' 2 kilos u nofs cannabis u hdax-il elf Ewro (11,000) flus kontanti._

**Ikkonsidrat:**

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[2] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta l-jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless**[3]**,** il-Qorti kienet qalet illi:

> ***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua***

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[3] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta' Dicembru 1858.

> ***ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[4] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[5]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[6] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[7]

---

[4] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[5] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[7] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[8]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[9]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

> Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

---

[8] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[9] Enfazi tal-Qorti.

***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[10] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

**Ikkonsidrat:**

Illi fil- kas in ezami jidher car illi ghalkemm l-attur intavola kawza sabiex jkun jista jezercita access ma bintu, din 1-azzjoni saret wara trapass ta tlett snin u disa xhur li 1-attur kien waqqaf il- kuntatt ma bintu. Skont 1-attur, in-nuqqas ta access kienet orkestrata mill-intimata u ommha waqta li l-intimata issostni li kienet decizjoni unilaterali tal-attur wara diverbju li nqala bejn il-kontendenti dwar nuqqas da parti tal-attur li jhallas il-manteniment ghal bintu.

Din il-Qorti kellha 1-opportunita li tosserva tul diversi seduti, l-ghajnuna moghtija mid- Direttur, Haddiema Socjali tal-FSWS u l-ghajnujna ta Dr. Ingrid Baldacchino psikologa, li kollha akkordaw lill-attur is-support u l-ghajnuna mehtiega sabiex isir l-avvinicinament bejnu u bintu. Filtatt kien qed isir progress sostanzjali albeit li t-tifla baqghet issostni li ma rieditx tkun wehedha ma missiera waqt l-access.

Gara pero li ghal xi raguni li mhux maghrufa, 1-attur qatgha l-komunikazzjoni kollha mal- FSWS kif ukoll ma Dr Ingrid Baldacchino, u waqqaf hesrem l-access taht supervizjoni u naqas li jidher ripettutament 1-Qorti ghal diversi seduti. Ghalhekk l-access bejn il-missier u 1-bint rega waqaf hesrem ghat-tieni darba.

[10] Enfazi tal-Qorti.

Il-Qorti, fl-ahjar interess tat-tifla DM, tqis illi l-access huwa dritt tal-minuri u mhux biss dritt tal-genitur. Illi ghalhekk il-genitur ma jistax jezercita l-access meta ifettilu u kif ikun komdu, ghaliex dan 1-agir jikkawza trawma gravi ghall-minuri. Aktar minn hekk, wara assenza ta’ tlett snin u disa xhur, wara ix-xoghol kollhu li wettqu 1-professjonisti adetti mal FSWS u mill-minuri stess sabiex jerga jissokta 1-access taht supervizjoni, dan it-tieni abbandun da parti tal-attur versu bintu ser ihalli effett duratur tat-tieni trawma.

Ghaldaqstant il-Qorti tissospendi d-dritt tal-attur ghall-access ta’ bintu sakemm din meta titfarfar turi x-xewqa li trid tara lil missiera. Dan l-access isir biss wara li l-missier jattendi kors ghal sitt xhur terapija personali ma psikologu.

Jidher car ukoll li l-attur mhux qed ihallas il-manteniment kif ordnat puntwalment u jirrizulta li hemm arretrati ta (€l650) elf sitt mija u hamsin ewro. Huwa evidentissimu li 1- kontendenti ma jikkomunikawx bejniethom dwar il-bzonnijiet tal-minuri DM u filwaqt li l-manteniment gieli thallas mill-attur, sehem 1-ispejjes ta’ sahha u edukazzjoni u attitvita’ extra-kurrikulari qatt ma thallsu mill-attur.

Ghalsdaqstant il-Qorti tqis li sehem 1-attur mill-ispejjes ghandu jigi predikwidat fl-ammont ta’ hamsa u sebghin (€75) fix-xahar. Fid-dawl ta’ dan in-nuqqas ta’ komunikazzjoni u fid-dawl ta’ nuqqas ta’ ko-operazzjoni mistenni minn kull genitur ragonevoli li jiffrima applikazzjonijiet ghad-dhul tal-ulied fil-kindergarten, skola jew attivita skolastika u edukattiva, din il-Qorti ma tarax alternattiva fl-ahjar interess tal-minuri ghajr, li takkorda l-kura u kustodja esklussiva lill-intimata.

**Ghaldaqstant, filwaqt li tichad it-talbiet tal-attur, tilqa’ limitatament t-talbiet tal- intimata kif dedotti fiI-kontro-talba taghha, tichad l-**

**eccezzjonijiet tal-attur ghal kontro-talba tal-intimata u taqta u tiddeciedi billi**:

1. **Tordna** u **tikkundanna lil NM ihallas lill-intimata retta alimentara ta' mitejn (€200) fix-xahar ghall-minuri DM, li ghandha tithallas fl-ewwel gurnata ta' kull xahar permezz ta'** ***standing order*** **f'kont bankarju tal-ghazla tal-intimata, liema manteniment ghandu joghla kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja;**

2. **Tordna li f'kaz illi t-tifla minuri tibqa' tistudja fuq bazi full time wara li tilhaq l-eta' maggoreni, dan il-manteniment jibqa' jithallas minn NM lill-intimata sakemm it-tifla minuri taghlaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji relattivi, skond liema eventwalita' tavvera ruhha l-ewwel;**

3. **Tordna li kull beneficcju/ghajnuna socjali li tkun talvolta pagabbli lill- minuri jkun percepibbli esklussivament mill-intimata;**

4. **Tordna li b'zieda mar-retta alimentarja, NM ihallas is-somma predikwitata ta' hamsa u sebghin (€75) euros fix-xahar raprezentanti nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri DM;**

5. **Tiddeciedi u tiddikjara li l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri DM hija fdata unikament u esklussivament f'idejn l-intimata, li b'hekk wahedha tkun tista' tiehu d-decizjonijiet ordinarji u straordinarji kollha rigwardanti** ***t-tifla*** **minuri minghajr il-kunsens firma jew prezenza ta' l- attur;**

6. **Tordna u tiddeciedi li t-tifla minuri DM ghandha tirrisjedi mal-intimata u tibqa' tirrisjedi f'Malta u tibqa' domiciljata**

**Malta sakemm tilhaq 1-eta' ta' tinintax (18) - il sena;**

7. **Tordna u tiddeciedi li 1-intimata wahedha u minghajr ebda awtorizzazzjoni ulterjuri tal-Qorti u minghajr il-firma jew prezenza ta' NM tista' tapplika, tottjeni u tikseb il-hrug tal-passaport ghat-tifla minuri, kif ukoll it-tigdid relattiv tieghu;**

8. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien talba stante id-decide numru hamsa fejn l-intimata inghatat il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri DM;**

9. **Tissospendi l-access tal-attur ghal bintu ghal ragunijiet fuq spjegati.**

**Bl-ispejjes kontra l-attur.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registrur**